# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM it-Tlieta, 10 ta' April, 2018**

**Kawża Nru 16**

**Rik. Nru. 397/08JRM**

Peter **SAMMUT** kemm f'ismu proprju u kif ukoll in rappreżentanza taż-żewġ uliedu minuri Kirsty Sammut u Gareth Sammut

vs

Maria **CAMILLERI** u Alan Camilleri

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fil-21 ta' April, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi jitolbu li din il-Qorti (a) issib li Paul Camilleri waħdu jaħti għall-mewt ta' Sina Sammut kif ukoll għall-qerda tal-fond proprjeta` tagħhom li jinstab f'numru 19, Triq Ħal Dejgħf (*Recte:* Dgħejf), Naxxar, flimkien ma' dak kollu li kien jinsab fih u dan minħabba l-imġiba tiegħu li jaħdem u jaħżen logħob tan-nar; (b) issib li d-danni mġarrba għandhom jitħallsu mill-imħarrkin, bħala l-armla w iben l-imsemmi Paul Camilleri; (ċ) tillikwida, jekk meħtieġ billi taħtar periti għal dan il-għan, id-danni mġarrbin mill-atturi; (d) tordna lill-imħarrkin iħallsu d-danni hekk likwidati; u (e) tordna li l-effetti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 391/2008FS jibqgħu fis-seħħ b'mod indefinit;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-24 ta' April, 2008, li bih laqgħet talba magħmula mill-attur Peter Sammut b'rikors tiegħu tal-21 ta' April, 2008, biex jitħalla jidher għaż-żewġ uliedu minuri f'din il-kawża;

Rat id-digriet tal-Qorti (diversament presjeduta) tal-24 ta' April, 2008[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fid-9 ta' Ġunju, 2009, li biha l-imħarrkin laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalu li (a) l-attur irid juri li għandu l-jedd imexxi l-kawża f'isem uliedu minuri; (b) l-imħarrek Alan Camilleri mhux il-leġittimu kontradittur tal-azzjoni attriċi billi huwa irrinunzja għall-wirt ta' missieru Paul Camilleri; (ċ) l-imħarrka Marija Camilleri mhix il-leġittimu kontradittriċi billi hija wkoll irrinunzjat għall-wirt ta' żewġha; (d) l-imħarrka mhix responsabbli għal kull aġir illegali ta' żewġha u għaldaqstant m'għandha ebda danni xi tħallas la b'ġidha u l-anqas b'sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti; (e) l-Mandat ta' Inibizzjoni numru 391/2008 għandu jiġi mneħħi fil-konfront ta' l-imħarrka fejn jirrigwarda s-sehem tagħha mill-komunjoni tal-akkwisti. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li l-atturi jridu jippruvaw ir-rabta ta' fatt u ta' liġi bejn l-aġir ta' Paul Camilleri u d-danni mġarrba minnhom, kif ukoll li jressqu prova li l-fond 19, Triq Ħal Dgħejf, Naxxar hu ġid tagħhom;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-7 ta' Lulju, 2008[2], li bih ħatret lill-Perit Arkitett Renato Laferla bħala espert tekniku, u dak tal-istess Qorti tad-29 ta' April, 2009[3], li bih ħatret minfloku lill-Perit Arkitett Robert Musumeċi;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-15 ta' Marzu, 2011[4], li bih estendiet il-mansjoni tal-perit tekniku sabiex jistabbilixxi wkoll il-kawża tal-ħsarat li ġraw fid-dar tal-atturi;

Rat ir-Relazzjoni tal-perit tekniku[5] maħlufa kif imiss waqt is-smigħ tat-2 ta' Ottubru, 2013[6];

Rat in-Nota tal-10 ta' Diċembru, 2013[7], li biha l-imħarrkin resqu l-kummenti tagħhom għar-Relazzjoni tal-perit tekniku, flimkien ma rapport psikjatriku *ex parte* li jirrigwarda lill-imħarrka;

[1] Paġ. 6 tal-proċess
[2] Paġ. 28 tal-proċess
[3] Paġ. 32 tal-proċess
[4] Paġ. 73 tal-proċess
[5] Paġġ. 83 – 207 tal-proċess
[6] Paġ. 82 tal-proċess

Rat id-digriet tagħha (diversament presjeduta) tat-28 ta’ Ottubru, 2013[8], li bih tat lill-partijiet żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat is-surroga tal-24 ta’ Jannar, 2014[9], li biha din il-kawża ntbagħtet quddiem din il-Qorti kif issa presjeduta;

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fil-15 ta’ Mejju, 2015[10];

Rat il-verbal tas-smigħ tas-7 ta’ Ottubru, 2015[11], li bih l-atturi irrinunzjaw li jressqu Nota ta’ Sottomissjonijiet bi tweġiba għal dik tal-imħarrkin u qalu li, minflok, jistrieħu fuq is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Ċivili fis-26 ta’ Ġunju, 2015 fil-kawża Rikors Numru 928 / 2008[12];

Rat ix-xhieda u l-provi dokumentali mressqa quddiem il-perit tekniku u quddiem din il-Qorti mill-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-digrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat*:**

Illi din hija azzjoni għad-danni mġarrba mill-atturi wara splużjoni li saret f’fond biswit dak tagħhom, liema splużjoni wasslet għall-mewt ta’ mart l-attur u omm l-atturi l-oħrajn uliedha, kif ukoll għat-tiġrif tad-dar fejn kienu jgħixu u kif ukoll il-mewt ta’ żewġ u missier l-imħarrkin. L-atturi jqisu li kien żewġ l-imħarrka (u missier l-imħarrek l-ieħor) kien waħdu jaħti għal dak li ġara, u għalhekk jitolbu l-ħlas ta’ kumpens mingħand l-imħarrkin bħala werrieta tiegħu;

Illi l-imħarrkin laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b’mod preliminari, qalu li ma kinux il-leġittimi kontraditturi billi rrinunzjaw għall-wirt ta’ Paul Camilleri. L-imħarrka tgħid ukoll li mhix responsabbli għal għemil żewġha u għaldaqstant m’għandha tħallas ebda danni għal dak li ġarrbu l-atturi, la b’ġidha parafernali u lanqas b’sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li l-atturi jridu jippruvaw ir-rabta ta’ fatt u ta’ liġi bejn l-aġir ta’ Paul Camilleri u d-

---
[7] Paġġ. 212 – 232 tal-proċess
[8] Paġ. 209 tal-proċess
[9] Paġġ. 233 – 4 tal-proċess
[10] Paġġ. 268 – 309 tal-proċess
[11] Paġ. 310 tal-proċess
[12] MIB Insurance Brokers (Malta) Ltd. noe vs Maria Camilleri pro et noe

danni mġarrba minnhom, kif ukoll li jressqu prova li l-fond 19, Triq Ħal Dgħejf, Naxxar, hu tassew ġid tagħhom;

Illi bħala fatti rilevanti illi joħorġu mill-atti jirriżulta li nhar it-12 ta' Marzu, 2008, seħħet splużjoni f'garaxx li kien jagħmel mal-fond proprjeta` ta' Paul u Maria Camilleri ġewwa Triq Ħal Dgħejf, fin-Naxxar. L-isplużjoni kienet dovuta għal ħażna ta' materjal li jintuża fil-logħob tan-nar[13]. L-isplużjoni għamlet ħerba mill-inħawi, billi ġġarrfu djar u ttajret vettura li kienet wieqfa quddiem il-fond fejn saret l-isplużjoni. Fost il-fondi li ġġarrfu kien hemm dak ta' Paul u Maria Camilleri, jiġifieri l-fond numru 23/25, Triq Ħal Dgħejf, Naxxar, kif ukoll dak ta' Peter u Sina Sammut li jġib in-numru 19/21, Triq Ħal Dgħejf, Naxxar[14]. Iż-żewġ postijiet kienu jmissu ma' xulxin[15]. Jirriżulta wkoll li Paul Camilleri u Sina Sammut tilfu ħajjithom f'dan l-inċident[16], u ħallew warajhom lill-familji tagħhom;

Illi Sina Sammut mietet fl-eta` ta' ħamsa u tletin (35) sena[17] u kienet mara tad-dar[18]. Paul Camilleri miet testat[19];

Illi l-imħarrka Maria Camilleri tgħid li, fil-garaxx li kien imiss mad-dar, żewġha kien jaħdem wara l-ħin tax-xogħol bħala mastrudaxxa. Hija tiċħad li kienet taf li fl-istess garaxx kien hemm maħżuna splussivi jew materjal li jintuża biex isir il-logħob tan-nar. Tgħid ukoll li fil-garaxx ma kinetx tidħol u li żewġha dejjem kien iżomm fuqu ċ-ċavetta tal-bieb li jgħaqqad il-garaxx mad-dar u ma setgħetx tidħol minn rajha[20];

Illi jirriżulta li nfetħu diversi proċeduri kontra Maria Camilleri u kontra binha minn terżi li ġarrbu danni fi ħwejjiġhom minħabba l-isplużjoni li ġrat dakinhar[21];

Illi fit-30 ta' Mejju, 2008[22], Maria Camilleri f'isimha u f'isem binha Alan Camilleri, irrinunzjaw għall-wirt ta' Paul Camilleri;

Illi fil-21 ta' April, 2008, l-atturi fetħu din il-kawża;

Illi l-kunsiderazzjonijiet legali marbutin mal-każ iduru mal-kwestjoni tan-natura tal-ġrajja u x'wassal għaliha u min imissu jwieġeb għall-ħsara li ġrat minħabba

13 Ara x-xhieda tal-Ispettur Elton Taljana f'paġ. 125 tal-proċess
14 Ara affidavit tal-A.I.Ċ. Richard Aquilina u l-pjanti annessi miegħu f'paġġ. 66 – 71 tal-proċess
15 Ara x-xhieda tal-imħarrka f'paġ. 144 tal-proċess
16 Ara x-xhieda ta' Anthony Pisani f'paġ. 124 tal-proċess, Dok. "A" f'paġ. 14 u ċertifikat tal-mewt f'paġ. 130 tal-proċess
17 Ara ċ-ċertifikat tal-mewt ta' Sina Sammut f'paġ. 211 tal-proċess
18 Ara verbal tas-smiegħ tat-28 ta' Ottubru, 2013 f'paġ. 209 tal-proċess
19 Dokti "Ċ" u "D", f'paġġ. 17 – 21 tal-proċess
20 Ara affidavit tal-imħarrka f'paġ. 161 u 163 tal-proċess, u x-xhieda tagħha f'paġ. 145 tal-proċess
21 Rik. Nru. 928/2008GCD; Rik. Nru. 599/2008MH; Rik. Nru. 3/2009SM
22 Ara Dok. "F" f'paġġ. 25 – 6 tal-proċess

fiha. Hawnhekk, toħroġ qagħda fejn persuna tilfet ħajjitha waqt li kienet għall-wens ta' darha u ħalliet warajha familja b'żewġ ulied żgħar dipendenti, filwaqt li min seta` kien li ta l-bidu għall-istess ġrajja tilef ħajtu wkoll;

Illi l-atturi jsejsu l-kawża tagħhom fuq il-prinċipju legali illi persuna għandha twieġeb għall-ħsara li tiġi bi ħtija tagħha. Fi kliem l-atturi, l-imħarrkin għandhom jagħmlu tajjeb għall-imġiba ta' Paul Camilleri għaliex, għalkemm tilef ħajtu fl-isplużjoni li ġrat fil-garaxx tiegħu, huma l-qraba tiegħu u l-werrieta tiegħu li jridu jagħmlu tajjeb għal dak li seħħ. Min-naħa tagħhom, l-imħarrkin jilqgħu għal din il-kawża billi jgħidu li huma irrinunzjaw għall-ġid tal-mejjet Paul Camilleri u għaldaqstant mhumiex il-kontraditturi leġittimi tal-pretensjonijiet attriċi. L-imħarrka tgħid ukoll li ma taħtix għall-aġir illegali ta' żewġha u għaldaqstant mhix responsabbli li twieġeb għall-ebda ħsara li l-atturi setgħu ġarrbu, u la b'sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejnha u bejn żewġha, u lanqas bil-ġid parafernali tagħha, u dan skond t-termini tal-artikolu 1327(f) tal-Kodiċi Ċivili;

Illi qabel kull ħaġa oħra, il-Qorti tqis illi l-**ewwel eċċezzjoni preliminari** mressqa mill-imħarrkin (dwar jekk l-attur setax iressaq u jkompli jmexxi 'l quddiem il-kawża f'isem iż-żewġ ulied minuri tiegħu) ġiet sorvolata bid-degriet ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tas-7 ta' Lulju, 2008[23], u għaldaqstant mhux ser tqisha aktar;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis l-**ewwel talba attriċi**, li biha l-atturi jitolbu li l-Qorti ssib li l-mejjet Paul Camilleri kien jaħti b'għemilu għall-mewt ta' Sina Sammut u għad-danni l-oħrajn li ġarrbu. Mingħajr tlaqliq, mix-xhieda mogħtija mill-persuni maħtura mill-Maġistrat Inkwirenti fl-isplużjoni li seħħet fil-fond numru 23/25, Triq Ħal Dgħejf, Naxxar, kif ukoll minn persuni oħra li aċċedew fuq il-post fil-jum tal-inċident, jirriżulta bl-aktar mod ċar illi l-ħsara li ġarrbu l-atturi kienet dovuta għal kollox għall-fatt tal-ħażna illegali ta' materjal splussiv u l-logħob tan-nar maħdum li kien hemm fil-fond li tiegħu Paul Camilleri u l-imħarrka kienu s-sidien. Dan il-fatt, l-imħarrkin ma jmeruhx u lanqas ma jippruvaw jiġġustifikawh. L-istess fehma wasal għaliha l-espert tekniku maħtur mill-Qorti fejn, fost oħrajn, ingħata l-mansjoni li jistabbilixxi l-kawża tal-ħsarat[24]. Joħroġ daqstant ieħor ċar li dik il-ħażna f'dak il-post kienet bi ksur tal-liġi;

Illi ma ntwera bl-ebda mod u lanqas biss issemma li l-atturi u Sina Sammut kellhom l-iċken suspett ta' dak li kien qiegħed jinħażen fil-garaxx imsemmi jew li għamlu xiħaġa li biha b'xi mod ikkontribwew għal dak li ġara dakinhar tal-isplużjoni;

---
[23] Paġ. 5 tal-proċess
[24] Ara Relazzjoni tal-Perit Robert Musumeċi f'paġ. 98 tal-proċess

Illi din il-fehma u dawn il-kostatazzjonijiet jaqblu wkoll ma' fehmiet u kostatazzjonijiet magħmulin minn qrati li quddiemhom tressaq dan il-każ u li lkoll waslu għall-istess konklużjoni. Għaldaqstant, mingħajr ma tidħol f'aktar stħarriġ, il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel talba attriċi billi ssib li Paul Camilleri kien waħdu jaħti għall-mewt ta' Sina Sammut u għat-tiġrif tad-dar tal-atturi;

Il-Qorti sejra tqis it-**tieni talba attriċi**, li fiha l-atturi jitolbu li l-imħarrkin jerfgħu r-responsabbilta` għall-ħsarat u dannu li ġarrbu minħabba fl-għemil tal-mejjet Paul Camilleri, fid-dawl tat-**tieni, t-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet** imressqa mill-imħarrkin. Fl-imsemmija tieni u tielet eċċezzjonijiet, l-imħarrkin iressqu d-difiża li huma irrinunzjaw għall-wirt ta' Paul Camilleri, u li għalhekk mhumiex il-kontraditturi leġittimi tal-azzjoni attriċi u għaldaqstant l-azzjoni attriċi fil-konfront tagħhom ma tiswiex. L-imħarrka żżid difiża oħra (fir-raba' eċċezzjoni), jiġifieri dik bbażata fuq l-artikolu 1327(f) tal-Kodiċi Ċivili li bis-saħħa tiegħu tgħid li ġidha parafernali u mill-komunjoni tal-akkwisti ma jagħmilx tajjeb għall-għemil ta' żewġha mal-kredituri tiegħu;

Illi għal dak li jirrigwarda t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrkin, mill-atti jirriżulta illi l-kawża nfetħet fil-21 ta' April, 2008, filwaqt li fis-7 ta' Mejju, 2008, l-imħarrka ressqet talba lill-Qorti Sezzjoni Volontarja sabiex binha, Alan Camilleri, jiġi interdett u biex hi tinħatar bħala kuratriċi tiegħu. Talbet ukoll li tirrinunzja għall-wirt f'isem binha minħabba proċeduri legali li kienu nfetħu kontrih bħala werriet ta' missieru. It-talba tal-imħarrka ntlaqgħet permezz ta' degriet tal-20 ta' Mejju, 2008, u fit-30 ta' Mejju 2008, l-attriċi, f'isimha u f'isem binha, ressqet Nota fil-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja li biha hi u hu irrinunzjaw għall-wirt ta' Paul Camilleri;

Illi minħabba li werriet li jirrinunzja għal wirt jitqies li qatt ma kien werriet[25], l-azzjoni tal-atturi ma tistax għalihom ladarba tħarrku bħala werrieta tal-preżunt debitur. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda teħles lill-imħarrek Alan Camilleri milli jibqa' iżjed fil-kawża, u tilqa' t-tieni eċċezzjoni mressqa minnu (f'ismu) billi mhuwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi;

Illi fil-konfront tal-imħarrka Maria Camilleri, is-sitwazzjoni tiegħu xejra oħra billi hija kienet mart id-debitur tal-atturi u bejnha u żewġha kien irieġi s-sistema tal-komunjoni tal-akkwisti. Hija kellha sehem u ġid tagħha ġej ukoll minn sehemha minn dik il-komunjoni tal-akkwisti. Bis-saħħa tat-testment li bih il-wirt ta' żewġha jinsab regolat (u liema testment huwa regolat bil-liġi kif kienet qabel ma ddaħħlu l-bidliet fil-Kodiċi fl-2004), l-imħarrka ma kienet qatt werrieta ta' żewġha, imma biss legatarja (minħabba l-jedd ta' użufrutt u użu li t-

[25] Art. 862(1) Kap. 16

testaturi ħallew lil min jibqa' ħaj l-aħħar minn fosthom) u għalhekk safejn l-azzjoni attriċi ħarrkitha bħala werrieta ta' żewġha, l-imħarrka tgħid sewwa li hija mhix il-kontradittriċi leġittima ta' dik l-azzjoni. F'dan ir-rigward, it-tielet eċċezzjoni hija tajba u sejra tintlaqa';

Illi fir-raba' eċċezzjoni l-imħarrka tgħid li mhijiex responsabbli għall-għemil illegali ta' żewġha u għaldaqstant mhix responsabbli li twieġeb għall-ebda danni la b'sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejnha u bejn żewġha, kif ukoll bl-assi parafernali tagħha, u dan skond t-termini tal-artikoli 1327(f) sa 1330 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi jrid jingħad li dan il-punt ġie mistħarreġ u deċiż fi proċeduri li nfetħu minn kredituri oħra kontra l-imħarrka u kontra binha marbuta ma' dan l-inċident. Il-Qrati waslu għall-fehma li l-ħsara li ġarrbu l-kredituri ma saritx "bir-rieda" kif huwa meħtieġ taħt l-artikolu 1327(f), għaliex ir-raġel tal-imħarrka ma riedx li jkollu splużjoni jew li jmutu nies jew li ssir ħsara fil-proprjeta` tagħhom. Għalhekk, il-ħsara u t-telfa li ġarrbu l-atturi ma taqax taħt l-imsemmi artikolu tal-Kodiċi Ċivili. Għal dawn id-danni u telf għandha twieġeb qabel kollox il-komunjoni tal-akkwisti li kien hemm bejn l-imħarrka u żewġha u, *in subsidium*, il-ġid parafernali tal-istess miżżewġin Camilleri. Il-Qrati waslu għall-fehma wkoll li l-imħarrka, tal-anqas fuq livell ta' responsabbilta' ċivili, kellha sehem f'dak li seħħ[26], u li l-verżjoni tagħha li hija kienet għal kollox maqtugħa minn dak li żewġha kien qiegħed jagħmel bil-moħbi fil-garaxx li jagħmel mad-dar, ma setgħetx titwemmen. Illum il-ġurnata dawn is-sejbiet u kostatazzjonijiet ġudizzjarji jikkostitwixxu wkoll ġudikat li jorbot lill-istess imħarrka;

Illi l-Qorti, wara li qieset l-atti li kellha quddiemha, tasal għall-fehma li l-imħarrka ma ressqet ebda prova oħra lil hinn minn dak li kienet ressqet fil-kawżi l-oħra miġjuba kontriha, u li jistgħu jwassluha għal fehma differenti minn dik li waslu għaliha l-Qrati l-oħra. Iżżid tgħid ukoll li r-rapport psikjatriku[27] mressaq f'isem l-imħarrka, għalkemm jitfa' xi dawl fuq l-aġir ta' l-imħarrka, ma jiġġustifikax kif l-imħarrka ma setgħetx tkun taf bl-attivitajiet ta' żewġha li kienu jsiru fl-istess dar meta, bħala koppja, kienu jgħixu taħt l-istess saqaf;

Illi dan kollu jwassal lill-Qorti biex filwaqt li sejra tilqa' t-tieni talba attriċi, u għall-istess raġunijiet tiċħad ir-raba' u l-ħames eċċezzjoni tal-imħarrka;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis it-tielet talba attriċi fejn l-atturi jitolbu l-**likwidazzjoni tad-danni** mġarrbin minnhom. Il-liġi trid li kull persuna twieġeb

---

[26] Ara App. Ċiv. **26.6.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***MIB Insurance Brokers (Malta) Limited noe et vs Maria Camilleri et***; App. Inf. GC **28.2.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***MIB Insurance Brokers (Malta) Limited noe et vs Maria Camilleri et***; u P.A. MH **26.9.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Sultana et vs Maria Camilleri et*** (mhix appellata)

[27] Dok. "B" f'paġġ. 255-263 tal-proċess

għall-ħsara li sseħħ bi ħtija tagħha[28], u jitqies hekk kull min f'għemilu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[29]. Għalhekk kull persuna li għaliex trid, jew għaliex naqset mill-prudenza jew diliġenza, tagħmel jew tonqos li tagħmel xi ħaġa li biha tikser dmir impost fuqha mil-liġi, hija obbligata tħallas għall-ħsara li sseħħ minħabba f'hekk, ukoll jekk dan ikun sar mingħajr il-ħsieb li tagħmel ħsara lil ħaddieħor[30];

Illi l-ħsara li persuna negliġenti trid twieġeb għaliha tikkonsisti fit-(a) telf effettiv li l-persuna mġarrba tbati direttament mill-għemil jew l-ommissjoni li tkun; (b) fl-ispejjeż minfuqin mill-persuna mġarrba biex tagħmel tajjeb għall-ħsara li saritilha; (ċ) fit-telf ta' paga, dħul jew qligħ ieħor attwali; u (d) fit-telf ta' qligħ li l-persuna mġarrba tbati 'l quddiem[31]. Fejn il-parti mġarrba titlef ħajjitha fi jew minħabba dak l-għemil, il-liġi tagħti lill-werrieta tagħha dawk id-danni msemmija flimkien mat-telf u l-ispejjeż attwali ikkaġunati;

Illi għaldaqstant id-danni mitluba u dovuti lill-atturi f'din il-kawża jinqasmu fi tnejn: dawk marbuta mat-tiġrif tad-dar, u dawk marbuta mat-telf ta' ħajja ta' mart u omm l-atturi, Sina Sammut;

Illi fir-rigward tal-ewwel għamla ta' danni, mill-kostatazzjonijiet magħmula mill-perit tekniku u r-raġunijiet dettaljati li huwa jagħti fir-Relazzjoni tiegħu, joħrog li d-danni li l-atturi ġarrbu meta ġġarfet id-dar tagħhom b'riżultat tal-isplużżjoni jammont għas-somma ta' mija ħamsa u sebgħin elf ewro (€175,000). Il-Qorti tirreferi għal paragrafi 1 sa 5.3 tar-Relazzjoni tieghu[32]. Il-Qorti tqis illi l-imħarrkin ma ressqux talba għall-ħatra ta' periti addizzjonali biex iwaqqgħu l-fehmiet imtennija mill-perit tekniku. Huma lanqas ma eskutew lill-perit, għalkemm ressqu kritika bil-miktub għar-rapport tiegħu. Madankollu, wara li l-Qorti fliet l-imsemmija kritika kontra dak li jirriżulta mill-atti, il-Qorti waslet għall-fehma li tali kritika ma tindirizzax l-aspett tekniku tar-relazzjoni u għaldaqstant ma ssibx li l-argumenti mressqa minnhom jseħħilhom jikkonvinċuha biex twarrab ir-riżultanzi tekniċi li joħorġu minn dik ir-Relazzjoni biex minflok tadotta t-tezi tagħhom;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal biex tillikwida d-danni li jmisshom jitħallsu lill-atturi bħala telf ta' *damnum emergens* fl-ammont ta' mija ħamsa u sebgħin elf ewro (€175,000);

Illi fir-rigward tat-tieni għamla ta' danni, kif ingħad, il-kejl tal-kumpens jintrabat mal-mewt ta' omm l-atturi. Mill-atti, jirriżulta li Sina Sammut kellha

28 Art. 1031 tal-Kap. 16
29 Art. 1032(2) tal-Kap. 16
30 Art. 1033 tal-Kap. 16
31 Art. 1045(1) tal-Kap. 16
32 Paġġ. 100 – 3 tal-proċess

ħamsa u tletin sena meta mietet. Hija kienet omm ta' żewġ ulied u kienet mara tad-dar. Kif sewwa ngħad mill-Qrati tagħna, aċċident mhux xi entita` astratta, iżda hu fatt li ġara kif inhu fix-xorta u l-kobor tiegħu. Huwa ġrajja bl-inċident inerenti miegħu li minnu jitnisslu d-danni mġarrba mill-vittma u li għalihom irid iwieġeb min, bin-negligenza tiegħu, jkun ikkawżahom[33];

Illi d-disposizzjonijiet tal-liġi li l-Qorti trid tqis f'każ bħal dan huma l-artikoli 1031, 1032, 1045 u 1046 tal-Kodiċi Ċivili. Il-kwestjoni tal-kumpens dovut mill-imħarrkin u kemm hu l-ammont li l-atturi jistħoqqilhom jirċievu hija waħda li fiha xi aspetti li għandhom jiġu studjati;

Illi, fl-ewwel lok, irid jingħad li f'dan il-każ, l-atturi qegħdin jidhru fil-kwalita` tagħhom ta' werrieta ta' Sammut u fir-rigward tat-telf tagħha, il-kumpens li qegħdin jippretendu mingħand l-imħarrkin huwa dak dwar telf għall-ġejjieni (*lucrum cessans*) li, fi kliem il-liġi nnifisha, il-Qorti tista' tagħti bħal fil-każ ta' inkapaċita` totali għal dejjem, meqjusa skond id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 1045;

Illi, fit-tieni lok, il-vittma kienet mara tad-dar. Il-fatt li ma kellhiex impieġ ma jnaqqas xejn mill-pretensjonijiet tal-atturi. Għall-kuntrarju, il-Qrati tagħna ilhom żmien jaċċettaw li mara miżżewġa li ma kellhiex impieg jistħoqqilha tingħata kumpens għall-ġrieħi mġarrbin minnha f'inċident dannuż u minħabba dan il-fatt waħdu[34]. Ix-xogħol tad-dar huwa meqjus li għandu valur ekonomiku li l-liġi tagħtih għarfien[35];

Illi, fit-tielet lok, jirriżulta bla ebda ħjiel ta' dubju li l-mewt ta' Sammut kienet il-konsegwenza diretta tal-isplużjoni. Dan ukoll huwa wieħed mill-prinċipji ewlenin fil-qasam tal-likwidazzjoni ta' danni minħabba għemil traskurat jew negliġenti[36]. Għal din il-Qorti, ir-rabta bejn il-kawża tal-inċident u l-effetti li ħalla fuq il-vittma tirriżulta tajjeb biżżejjed u l-imħarrka ma għamlet l-ebda tentattiv biex tmeriha;

Illi, fir-raba' lok, kif ingħad, "il-liġi tagħna tipprovdi g*ħal kumpens għat-telf pekunjarju biss u f'dan hi inferjuri għal-liġijiet ta' pajjiżi oħra progressivi li jipprovdu anke għal kumpens - xi drabi l-uniku possibbli, għat-"telf personali" …Ta' min jawgura illi din il-fergħa tal-liġi tiġi, kif jixraq riformata*"[37];

Illi l-parti l-kbira tal-kwestjoni tistrieħ ħafna fuq il-bażi ġuridika li dwarha jingħata l-kumpens meta l-attur ma jkunx il-persuna li kellha x'taqsam mal-

[33] App. Ċiv. **2.3.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia vs Conti*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.163**)
[34] Ara App. Ċiv. **19.9.1973** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Żammit et vs George Bezzina*** (mhux pubblikata) u App Ċiv. **16.1.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Apap vs Degiorgio*** (mhux pubblikata)
[35] P.A. DS **30.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel Buġeja vs Carmel Spiteri*** (mhix appellata)
[36] App. Inf. PS **20.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Gerald Buġeja vs David Gatt***
[37] App. Ċiv. **22.12.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Butler vs Heard*** (Kollez. Vol: **LI.i.488**, a fol 504)

inċident, imma tkun qarib ta' persuna li mietet f'dak l-inċident. Il-liġi tagħna fl-artikolu 1046 tgħid ċar li l-ħlas ta' kumpens huwa dovut lill-werrieta tal-persuna l-mejta u mhux lid-dipendenti, imma, fl-istess waqt, tqabbel l-ammont ta' kumpens ma' dak li jiġi likwidat fil-każ ta' inkapaċita` totali għal dejjem skond ma jipprovdi l-artikolu 1045;

Illi l-istess Qorti tal-Appell, imma żmien qabel is-sentenza ta' Butler u Heard, kienet fissret li, f'każ ta' inċident li fih il-vittma tmut, il-kumpens ma jingħatax lid-dipendenti tiegħu imma lill-werrieta, u qalet ukoll li, fil-kalkolu tat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni, ma hemm stabiliti l-ebda regoli fissi li fuqhom il-qorti tista' ssejjes il-kunsiderazzjonijiet tagħha. Jeħtieġ jitħarsu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ partikolari u, għalkemm il-Qorti m'għandhiex tirrifjuta li tikkalkola l-kumpens minħabba l-element ta' imprevedibilita`, għandha tqis b'moderazzjoni l-ammont ta' kumpens minħabba l-element għoli ta' konġettura li jdur mal-aspett ta' x'jista' jseħħ fil-ġejjieni[38];

Illi fi żvilupp ta' dawn l-aħħar snin, din il-Qorti, b'tifsira iżjed aġġornata ta' dak li jgħid l-artikolu 1046, qieset li meta f'każ ta' mewt l-atturi qraba tal-vittma jfittxu għall-kumpens tal-ħsara mġarrba bħala werrieta, ikunu qegħdin jagħmlu dan għaliex daħlu fil-libsa legali tal-vittma minħabba ċ-ċirkostanza ta' mewtu, u mhux fuq bażi ta' dipendenza u għalhekk jistħoqqilhom jippretendu li jirċievu dak li kien ikun jistħoqq lill-qarib tagħhom, kif tgħid il-liġi nnifisha, kieku f'dak l-inċident ma mietx imma ġarrab ġrieħi li jkunu ħallewh għal kollox inkapaċi[39];

Illi, b'danakollu, jidher li l-bażi vera tal-jedd tal-azzjoni mogħtija lill-werrieta tal-vittma l-mejta mhuwiex jedd mogħti *iure haereditatis*, iżda jedd speċifiku mogħti mil-liġi lilhom *ex jure proprio*, u mhux minħabba trasmissjoni *ope successionis*[40];

Illi, fil-fehma ta' din il-Qorti, dan ir-raġunament isib kenn ukoll f'dak li kienet qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza Petrie et vs Ċiappara tat-22 ta' Gunju, 1964, fuq imsemmija, meta fliet il-kawżali li l-liġi tagħna tqis għal likwidazzjoni tal-kumpens taħt l-artikolu 1045 (li, kif ingħad, huwa espressament applikabbli fil-każ ta' mewt minħabba inċident skond l-artikolu 1046);

Illi f'dan ir-rigward wieħed isib li jgħoddu xi regoli li jgħinu biex Qorti tkun tista' tkejjel u tillikwida l-kumpens mistħoqq lil dawk li jfittxu f'isem il-persuna l-mejta. Fl-ewwel lok, il-vittma tista' tingħata kumpens għat-telf ta' qligħ fil-ġejjieni ukoll jekk ma jintalab jew ma jista' jingħata l-ebda kumpens għal telf

[38] App. Ċiv. **22.6.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Petrie et vs Ċiappara*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.364**)
[39] P.A. GCD **17.2.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Turner et vs Francis Aġius et*** (mibdula b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Ċivili fit-**28.11.2003**); P.A. RCP **29.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmela Attard vs Stephen Micallef***, fost oħrajn.
[40] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anglu Galea vs Silvio Piscopo*** (mhix appellata)

ta' qligħ attwali, billi t-telf ta' qligħ attwali mhux kondizzjoni biex jista' jingħata kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni. Fit-tieni lok, billi l-kumpens huwa mogħti lill-qraba bħala werrieta huwa wieħed partikolari, il-grad ta' dipendenza mhux kondizzjoni biex jingħata l-kumpens, għalkemm jista' jittieħed b'qies meta jiġi biex jinħadem l-ammont ta' kumpens dovut[41]. Fit-tielet lok, b'effett ta' dan, mhux meħtieġ li jiġi ppruvat li l-vittma kienet taqla' l-flus u/jew li kienet tagħti sehem jew tgħajjex bihom lil dawk li wirtuha. Anzi, lanqas id-dipendenza futura ma hija, fil-liġi tagħna, prekundizzjoni u fattur essenzjali għall-għoti ta' kumpens. Fir-raba' lok, jibqa' xorta l-fatt li l-Qorti jkollha twettaq eżerċizzju ta' diskrezzjoni meta tqis l-elementi kollha li jsawru l-każ dwar x'seta` jiġri fil-ġejjieni;

Illi wkoll, kif ġie deċiż f'sentenza oħra[42], il-Qorti hija marbuta li tagħti l-ogħla għadd ta' snin bħala *multiplier* jekk kemm-il darba jirriżulta li ma jkunx hemm raġuni għaliex wieħed għandu għax jiddubita li l-imġarrab ma kienx se jissokta jaħdem is-snin kollha ta' xogħol sakemm jirtira bil-pensjoni[43];

Illi jekk wieħed japplika dawn il-prinċipji jkun ifisser li l-qisien tal-kumpens għandhom jsiru skond il-kundizzjonijiet prevalenti meta seħħ l-inċident u li, minħabba li l-kumpens ikun ta' somma likwidata li l-ħlas tagħha jista' jintalab malli jiġi likwidat, irid isir tnaqqis *pro rata* biex tagħmel tajjeb għall-fatt li d-dħul ikun sejjer iseħħ qabel ma kien ikun il-każ kieku l-inċident ma ġarax;

Illi, minbarra dan, dwar il-qies tal-*multiplier* il-Qorti tħoss li jkun xieraq li tagħmel riferenza għal dak li hu mgħallem f'dan ir-rigward mill-awturi fejn jingħad li *"The most important factor to take into account when considering which multiplier to apply is, of course, the age and probable working life of the deceased and the expection of life of the dependants… There must also be a discount for the uncertainties of life… Discount must also be made for the fact that the dependants will receive an accelerated benefit in the form of a lump sum rather than smaller benefits over a number of years. Because of these uncertainties the appropriate time for selecting the multiplier is at the time of death…"*[44];

Illi, għalhekk, meta wieħed iqis l-eta` ta' Sina Sammut meta seħħ l-inċident, flimkien mal-fatt li kienet għadha b'saħħitha, jidher xieraq li jintuża *multiplier* ta' tnejn u għoxrin (22) sena**;**

Illi għal dak li jirrigwarda t-tnaqqis li s-soltu jsir mis-somma likwidata għaliex ikun se' jsir f'daqqa (dak li jissejjaħ '*lump sum payment'*), iż-żmien jibda jitqies

---

[41] App. Ċiv. **29.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġużeppi Aġius et vs Tarċisju Fenech***
[42] App. Ċiv. **30.12.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Elvira Abela vs Onor. Prim Ministru et***
[43] App. Ċiv. **26.6.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Cutajar vs Alfred Scicluna*** (mhix pubblikata)
[44] Thomas Saunt Damages for Personal Injury and Death, Tielet Ediz, 1986, pg. 53

minn meta tinfetaħ il-kawża u mhux minn dak inhar tal-inċident[45]. F'dan il-każ, l-atturi fetħu l-kawża fl-istess sena ta' l-inċident, u għalhekk il-Qorti jidhrilha li għandu jsir tnaqqis proporzjonat skond ir-regoli mħaddna li mis-somma titnaqqas perċentwali ta' tnejn fil-mija (2%) għal kull sena li tgħaddi minn dakinhar li nfetħet il-kawża sa dakinhar li tingħata s-sentenza[46]. Għalhekk, ma jidhrilhiex li għandha tagħmel tnaqqis minħabba li s-somma sejra titħallas f'daqqa, u dan minħabba ż-żmien li għadda biex il-kawża waslet fi tmiemha;

Illi l-Qorti tqis li ż-żewġ atturi wlied il-mejta kienu għal kollox dipendenti fuq ommhom u l-attur missierhom minħabba l-eta` tagħhom fiż-żmien li ġara l-każ. Naturalment, ma kinux dipendenti biss fuq ommhom, iżda wkoll fuq l-attur missierhom li baqa' ħaj u, wieħed jifhem, żamm l-impieg u d-dħul li kellu qabel ma seħħ l-inċident;

Illi l-Qorti sejra tqis, madankollu, li s-somma likwidabbli ma kinitx sejra titwarrab fil-ġenb u tinġema' għal xi eventwalita` fil-ġejjieni, iżda minnha kien se jkun hemm konsum. Il-Qorti tqis li, meħuda b'qies iċ-ċirkostanzi kollha, kwart ($^{1}/_{4}$) minn dik is-somma kien ikun kunsmat li kieku Sina Sammut baqgħet ħajja;

Illi meta l-vittma ta' inċident ma tkunx taħdem bi qligħ fiż-żmien li dak l-inċident iseħħ, il-prattika hi li jingħata valur għax-xogħol tad-dar li hija tkun tagħmel u li dan il-valur jintrabat minn tal-anqas mal-paga minima li tkun tgħodd għal dak iż-żmien[47]. Din kienet titla' għal mija tnejn u erbgħin ewro u, disa' u tletin ċenteżmu (€142.39) fil-ġimgħa[48]. Meta wieħed iqis il-*multiplier* li se' jkun jgħodd għall-każ tal-lum flimkien ma' xi żidiet li tabilfors isiru fil-każ tal-paga minima, jidher xieraq li, għall-għanijiet ta' kalkolu, il-Qorti tqis ammont medju ta' mija u sittin (€160) kull ġimgħa, jew tmint elef, tlett mija u għoxrin ewro (€8,320) bħala moltiplikand;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tasal biex tillikwida d-danni li jmisshom jitħallsu lill-atturi bħala telf ta' qligħ għall-ġejjieni (*lucrum cessans*) minħabba l-mewt ta' qaribhom Sina Sammut fis-somma ta' mija u sebgħa u tletin elf mitejn u tmenin ewro (€137,280)[49];

Illi, miġburin flimkien id-danni likwidati taħt iż-żewġ kawżali u għall-finijiet tat-tielet talba attriċi, il-Qorti qiegħda tillikwida lill-atturi s-somma ta' tliet mija

---

[45] App. Ċiv. **27.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Annunzjata Caruana vs Odette Camilleri***
[46] Ara, fost oħrajn, P.A. JSP **30.3.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Abela vs Martin Spagnol*** (mhix appellata); u App. Ċiv. **3.2.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Luana Deguara vs Judas (Guido) Taddeo sive Edwin Scicluna pro et noe***
[47] P.A. NA **30.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Schembri vs David Tanti*** (mhix appellata)
[48] Ara L.N. 126 tal-1992 kif emendata (L.S. 452.71)
[49] €8,320 x 22 x 0.75 = € 137,280

u tnax-il elf mitejn u tmenin ewro (€312,280)[50] bħala danni għat-telf attwali u qligħ mitluf b'riżultat tal-inċident imsemmi;

Illi, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha li saru qabel u għall-finijiet tar-**raba' talba attriċi**, il-Qorti sejra tilqa' din it-talba u tqis li l-imħarrka Maria Camilleri trid tagħmel tajjeb għad-danni likwidati favur l-atturi u li dan isir bil-ġid tagħha kollu, kemm jekk ġej minn sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti u, jekk dan ma jkunx biżżejjed, minn ġid partikolari tagħha;

Illi għal dak li jirrigwarda l-**ħames talba attriċi**, l-atturi jitolbu li l-effetti tal-Mandat ta' Inibizzjoni[51] maħruġ kontra l-imħarrka Maria Camilleri fit-3 ta' April, 2008, jibqgħu fis-seħħ għal dejjem;

Illi l-Qorti tagħraf li l-imsemmi Mandat intalab u nħareġ sewwasew b'kawtela tal-pretensjonijiet li l-atturi kellhom kontra l-imħarrka għaliex, sa minn dak iż-żmien, kienu jqisuha responsabbli għad-danni mġarrbin minnhom minħabba l-inċident li seħħ. It-talba ntlaqgħet għal dik ir-raġuni. Mandat ta' Inibizzjoni huwa minnu nnifsu rimedju kawtelatorju li ma jistax jinbidel f'wieħed eżekuttiv, bħalma jista' jsir f'uħud mill-Mandati kawtelatorji l-oħrajn[52]. Mhux hekk biss, imma Mandat ta' Inibizzjoni bħal dak mitlub mill-atturi u maħruġ bis-saħħa tal-artikolu 874 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili ta' Malta huwa, bir-rieda tal-liġi, wieħed li għandu żmien limitat kemm idum fis-seħħ wara li tintemm il-kawża li dwar il-pretensjonijiet dedotti fiha jkun inħareġ[53];

Illi minbarra dan, id-dritt tal-kawtela (dak proċedurali) mhuwiex l-istess ħaġa bħad-dritt sostantiv li jista' jiġi mħares, għaliex dawn huma żewġ jeddijiet distinti li ma jistgħux jitqiesu bħala l-istess jedd. Il-jedd imsemmi fil-Mandat mhuwiex id-dritt li titlob il-ħruġ ta' Mandat, imma huwa d-dritt li għalih il-kreditur idur billi jinqeda mid-dritt li jinstilet mill-kawtela mogħtija bil-ħruġ tal-Mandat[54];

Illi, minbarra dan, talba waħedha f'Rikors Maħluf fis-sens li l-effetti ta' Mandat ta' Inibizzjoni jiġu konfermati għal dejjem tqieset bħala talba inaċċettabbli billi timmira li tagħmel perpetwa inibizzjoni li, min-natura tagħha, hija limitata għaż-żmien meħtieġ sakemm jiġi meqjus id-dritt sostantiv li b'ħarsien tiegħu jkun inħareġ tali Mandat[55]. F'każ bħal dan, il-Qorti ma taħsibhiex darbtejn biex

[50] €175,000 + €137,280 = € 312,280
[51] Rik. Nru. 391/08LFS
[52] Ara art. 838B(2) tal-Kap 12
[53] Art. 874(5) tal-Kap 12
[54] App. Ċiv. **27.11.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Aquilina vs Aquilina noe***
[55] App. Ċiv **7.10.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea et vs Gauċi*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.719**)

tiddikjara l-att ġudizzjarju li jkun nieqes mit-talba għad-dritt imsemmi fil-Mandat bħala att li ma jiswiex[56];

Illi f'każ li din is-sentenza sejra tgħaddi f'ġudikat u l-atturi jirbħu l-pretensjonijiet tagħhom kontra l-imħarrka u l-ġid imsemmi fil-Mandat, il-liġi tagħtihom rimedji oħrajn effettivi u eżekuttivi fuq il-ġid tal-istess imħarrka li ma jitolbux li tabilfors l-effetti tal-Mandat kawtelatorju jitħallew fis-seħħ;

Illi, fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ma ssibx li l-ħames talba attriċi hija mistħoqqa fil-liġi u għalhekk mhijiex sejra tilqagħha kif magħmula;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tastjeni milli tqis aktar l-ewwel eċċezzjoni** preliminari tal-imħarrkin, fid-dawl tad-degriet mogħti fl-24 ta' April, 2008;

**Tilqa' t-tieni eċċezzjoni** tal-imħarrek Alan Camilleri u ssib li ma għandux iwieġeb għat-talbiet attriċi u teħilsu mill-ħarsien tal-ġudizzju;

**Tilqa' t-tielet eċċezzjoni** tal-imħarrka Maria Camilleri safejn l-azzjoni attriċi saret kontriha bħala werrieta ta' żewġha Paul Camilleri, imma tiċħadha għall-bqija;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** billi ssib li l-mejjet Paul Camilleri kien jaħti għall-inċident li seħħ fit-12 ta' Marzu, 2008, bl-isplużjoni li saret fil-garaxx f'numru ħamsa u għoxrin (25) Triq Ħal Dgħejf, fin-Naxxar, li wassal għall-mewt ta' Sina Sammut u għat-tiġrif tal-fond dsatax (19) u wieħed u għoxrin (21), fl-istess Triq Ħal Dgħejf, ġid tal-atturi, b'kulma kien jinstab fih;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** limitatament fil-konfront tal-imħarrka Maria Camilleri u ssib li hija għandha tagħmel tajjeb għad-danni kollha mġarrba mill-atturi minħabba l-imsemmi inċident;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tillikwida l-ħsara li ġarrbu l-atturi minħabba l-imsemmi inċident fis-somma ta' tliet mija u tnax-il elf mitejn u tmenin ewro (€312,280);

**Tilqa' ir-raba talba attriċi** u tordna lill-imħarrka Maria Camilleri tħallas lill-atturi s-somma ta' tliet mija u tnax-il elf mitejn u tmenin ewro (€312,280) bħala danni hekk likwidati, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq dik is-somma b'seħħ mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv;

[56] App. Ċiv. **14.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Tabone pro et noe vs Raymond Tabone***

**Tiċħad il-ħames talba attriċi** billi mhix mistħoqqa fil-fatt u lanqs fid-dritt;u

**Tordna** lill-imħarrka Maria Camilleri tħallas l-**ispejjeż tal-kawża**, ħlief dawk li jistgħu jkunu dovuti lill-imħarrek Alan Camilleri, li jitħallsu mill-atturi.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**10 ta' April, 2018**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**10 ta' April, 2018**